MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1010/2004

Anne Marie **GAFFIERO**

vs

Pierre **GAFFIERO**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta' Diċembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li l-Qorti (i) tillikwida l-ammonti li jmisshom jitħallsu lilha minn żewġha l-imħarrek kif intrabat li jagħmel fil-kuntratt ta' firda personali tas-sitta (6) ta' Awissu, 2004; (ii) issib li l-imħarrek huwa debitur tal-attriċi fis-somma hekk likwidata; (iii) tikkundanna lill-imħarrek biex iħallasha s-somma hekk likwidata; (iv) issib li l-imħarrek għandu joħroġ polza ta'

assikurazzjoni kontra avvenimenti avversi, u kif ikoll li jistalla "*piping system*" fid-dar fejn tgħix l-attriċi, kif intrabat li jagħmel fl-imsemmi kuntratt ta' firda personali; u (v) tordna lill-imħarrek li joħroġ l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni u li jistalla l-imsemmi sistema ta' "*piping*" fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha timponilu u, fin-nuqqas, li l-attriċi tkun intitolata tagħmel dan kollu hi, bi spejjeż għall-imħarrek żewġha. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Jannar, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat li b'Nota ta' Eċċezzjonijiet imressqa fil-5 ta' Mejju, 2006, l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li għad fadallu jħallas lill-attriċi, għaliex huwa ħallas kulma kien marbut li jħallas u ta' dan għandu riċevuti. Żied jgħid li jekk kemm-il darba l-attriċi daħlet fi djun oħra, dan għamlithom minn wara dahru u għalhekk, skond ma jingħad fil-kuntratt tal-firda personali, ma jridx jagħmel tajjeb għalihom hu. Qal li l-polza ta' assikurazzjoni li kien intrabat li joħroġ, ħariġha kif miftiehem, filwaqt li dwar l-istallazzjoni tas-sistema tal-"*piping*" qal li għażel li jħallas il-prezz tagħha u l-flus għaddihom direttament lill-avukat tal-attriċi u ngħata riċevuta. Dwar il-kumpens għall-appoġġ, temm jgħid li l-attriċi kienet diġa' tħallset tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Awissu, 2006[1], li bih qiegħdet il-kawża fil-lista ta' kawżi ta' qabel is-seduta ("*pretrial*") u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dik il-fażi tal-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll il-provi dokumentali mressqin mill-partijiet waqt l-imsemmija fażi tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2008[2], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-listi tal-kawżi għas-smigħ;

---

[1] Paġ. 12 tal-proċess
[2] Paġ. 131 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fis-27 ta’ Marzu, 2008[3];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-28 ta’ Mejju, 2008[4];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-eżekuzzjoni ta’ rabtiet magħmula f’kuntratt ta’ firda personali. Meta l-partijiet infirdu minn xulxin, l-imħarrek intrabat li jagħmel tajjeb għal xi djun li hu u l-attriċi martu kellhom dak iż-żmien, kif ukoll li joħroġ polza ta’ assikurazzjoni favur l-attriċi biex tagħmel tajjeb għal “avvenimenti avversi” u li jistalla sistema ta’ “*piping*” fid-dar li l-attriċi tgħix fiha;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa’ billi qal li hu ma għad fadallu jħallas xejn lill-attriċi, għaliex huwa ħallas kulma kien marbut li jħallas u ta’ dan għandu riċevuti. Żied jgħid li jekk kemm-il darba l-attriċi daħlet fi djun oħra, dan għamlithom minn wara dahru u għalhekk, skond ma jingħad fil-kuntratt tal-firda personali, ma jridx jagħmel tajjeb għalihom hu. Qal li l-polza ta’ assikurazzjoni li kien intrabat li joħroġ, ħariġha kif miftiehem, filwaqt li dwar l-istallazzjoni tas-sistema tal-“*piping*” qal li għażel li jħallas il-prezz tagħha u l-flus għaddihom direttament lill-avukat tal-attriċi u ngħata riċevuta. Dwar il-kumpens għall-appoġġ, temm jgħid li l-attriċi kienet diġa’ tħallset tiegħu;

Illi l-<u>fatti rilevanti</u> li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-partijiet iżżewġu f’Ġunju tal-1990. Minn dan iż-żwieġ

---
[3] Paġġ. 133 – 4 tal-proċess
[4] Paġġ. 140 – 6 tal-proċess

twieldu żewġt itfal, il-kbir fl-1992 u ż-żgħira fl-1994. Iż-żwieġ tal-partijiet tkisser u, wara xi żmien jgħixu għal rashom, l-attriċi fetħet kawża għall-firda personali kontra l-imħarrek żewġha fl-1997. B'degriet *pendente lite* mogħti fl-24 ta' Lulju, 2003[5], il-Qorti iffissat il-ħlas ta' manteniment li l-imħarrek kellu jħallas lill-attriċi għaliha u għaż-żewġ uliedhom. Matul l-1998, l-attriċi fetħet kawża oħra kontra l-imħarrek u oħrajn biex teżegwixxi konvenju li huma kienu dehru fuqu biex jiksbu ġid immobli. It-talbiet tagħha ntlaqgħu b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar, 2001;

Illi fiż-żmien li l-kawża kienet għadha miexja, l-partijiet infirdu bis-saħħa ta' kuntratt ta' firda personali fis-sitta (6) ta' Awissu, tal-elfejn u erbgħa (2004)[6], fl-atti tan-nutar Dottor Ruben Casinġena;

Illi fost il-kundizzjonijiet miftehmin bejn il-partijiet, kien hemm dik li l-kura u l-kustodja taż-żewġ itfal tibqa' f'idejn l-attriċi. Fil-likwidazzjoni u l-qasma tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi messha d-dar taż-żwieġ f'numru sebgħa (7), Triq il-Maqdes Megalitiku, fix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, bil-garaxx ta' taħtha flimkien magħha; il-ħwejjeġ mobbli li jinsabu f'dik id-dar; dejn fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltija (Lm 25,500)[7], imnaqqas għal Lm 21,500, wara ħlas ta' Lm 4,000 akkont, kontra l-komunjoni tal-akkwisti favur il-ġid parafernali tal-attriċi maħluq minn kitba taż-żwieġ li saret fit-wieħed u tletin (31) ta' Mejju, 1990 (lejlet it-tieġ) b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farruġia u kif ukoll minn bejgħ ta' appartament fix-Xemxija li l-partijiet kienu għamlu matul iż-żwieġ, liema appartament kien ġid parafernali tal-mara;

Illi l-attriċi tgħid li l-problemi fiż-żwieġ bdew madwar l-1997. Minħabba f'hekk, hija tgħid li sabet ruħha f'diffikultajiet finanzjarji li minħabba fihom kellha tissellef il-flus biex tkun tista' tgħix[8]. Fost il-persuni li tgħid li sselfet mingħandhom hija ssemmi lil oħtha Edwina li kienet għadditilha somom ta' flus (fil-biċċa l-kbira minnhom fi flus

[5] Dok "AMG4", f'paġġ. 26 – 9 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġġ. 7 – 12 tal-proċess
[7] Li jġibu € 59,399.02 fi flus tal-lum
[8] Affidavit tagħha Dok "AMG1" 1.3.2005, f'paġ. 17 tal-proċess

kontanti) fuq medda ta' żmien bejn Ġunju tal-1997 u Marzu tal-2002[9]. Oħtha bagħtet tfakkarha fihom fi Frar tal-2004[10] u talbitha saħansitra tħallashom lura f'ittra oħra li bagħtitilha f'Awissu ta' dik is-sena, l-għada li sar il-kuntratt tal-firda konsenswali[11]. L-attriċi tgħid li l-għaxart elef Lira Maltija li żewġha ħallasha fuq il-kuntratt tal-firda personali[12] (nieqes elf Lira minnhom) kienet għaddiethom lil din oħtha biex tissalda d-dejn li kellha magħha. Hija żżid tgħid li żewġha dan id-dejn tagħha baqa' ma ħallsux u lanqas ħallas in-nefqa tal-*piping system* li kellha ssir fid-dar tagħha;

Illi, fl-istess kuntratt ta' firda personali, ir-raġel intrabat li jagħmel tajjeb għad-djun kollha (garantiti u mhux) li saru matul iż-żwieġ u f'każ li xiħadd ifittex lill-mara għall-ħlas ta' xi biċċa minnhom, filwaqt li rrinunzja għal kull jedd li sata' kellu fid-dar taż-żwieġ. Intrabat ukoll li jħallas manteniment għal uliedhom u kif ukoll jerfa' n-nefqa tal-ħtiġijiet tal-istess tfal. B'ħarsien tar-rabtiet li r-raġel daħal għalihom, huwa kellu joħroġ polza ta' assikurazzjoni ("kontra avvenimenti avversi") favur l-ulied b'mod illi, jekk kemm-il darba ma sseħħ l-ebda kontinġenza, r-rikavat tat-tisrif tal-polza meta tingħalaq jgħaddi favurihom;

Illi b'riċevuta maħruġa fil-11 ta' Awissu, 2004[13], Edwina Muscat Drago għarfet li rċeviet mingħand oħtha l-attriċi s-somma ta' sitt elef u ħames mitt lira (Lm 6,500) lura mis-self li kienet għamlitilha, u wkoll somma oħra ta' elfejn u ħames mitt lira (Lm 2,500) li l-attriċi għadditilha wkoll biex iżżommomlha "b'self";

Illi l-attriċi fetħet din il-kawża f'Diċembru tal-2004;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-konsiderazzjoni ta' natura legali ewlenija li trid issir f'din il-kawża hija t-tifsira tar-rabtiet kuntrattwali li daħal għalihom l-imħarrek fil-kuntratt tal-firda personali minn ma' martu l-attriċi. Dan jingħad għaliex l-azzjoni attriċi tistrieħ kollha kemm hi fuq dawk ir-

[9] Ara Dok "AMG3", f'paġġ. 22 – 5 tal-proċess
[10] Dok "AMG5", f'paġ. 30 tal-proċess
[11] Dok "AMG6", f'paġ. 31 tal-proċess
[12] Dok "AMG8", f'paġ. 33 tal-proċess
[13] Dok "AMG7", f'paġ. 32 tal-proċess

rabtiet. Il-qofol tal-azzjoni attriċi huwa l-prinċipju li l-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jagħmluhom[14] u huwa mistenni li jitwettqu b'bona fidi kemm dwar dak li jingħad fihom u kif ukoll dwar il-konsegwenzi li r-rabtiet kuntrattwali jġibu magħhom skond ix-xorta tagħhom, bl-ekwita', bl-użu u bil-liġi[15] ("*pacta sunt servanda*"). B'żieda ma' dan irid jingħad ukoll li l-attriċi m'hijiex qiegħda tressaq il-kawża fuq kull waħda mir-rabtiet li żewġha l-imħarrek daħal għalihom fl-imsemmi kuntratt tal-firda personali, iżda biss dwar dawk li fiż-żmien tal-kuntratt kienu għadhom ma twettqux. Minbarra dan, sa qabel ma laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża, l-imħarrek kien issalda wħud mit-talbiet tal-attriċi u għaldaqstant il-Qorti ma għandiex għalfejn tqishom aktar;

Illi sa ħmistax-il jum qabel ma fetħet din il-kawża[16], l-attriċi kienet qiegħda tippretendi li "l-pendenzi li għad baqa'" bejniethom kienu jikkonsistu (i) fl-ispejjeż tal-kawża dwar il-proprjeta' fis-Selmun[17], (ii) f'somma msemmija li jikkwalifikaw mal-kuntratt ta' firda personali bħala "debiti li taf bihom"; (iii) f'somma dwar self mingħand oħtha; (iv) f'somma dwar ħlas ta' kumpens tal-appoġġ; u (v) fit-tlestija tas-sistema ta' *piping*. Madankollu, meta wieħed iqis il-premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni, wieħed isib ukoll li l-attriċi issa (a) qiegħda tippretendi r-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża tal-firda personali[18] u (b) l-ħruġ ta' polza ta' assikurazzjoni "kontra avvenimenti avversi" li l-imħarrek kien intrabat li joħroġ favur uliedu fil-kuntratt ta' firda personali;

Illi f'affidavit tagħha li ressqet tliet xhur wara li fetħet il-kawża u <u>aktar minn sena qabel</u> l-imħarrek laqa' n-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni[19], l-attriċi stqarret li "*reċentement, fuq dawk li tlabt lill Qorti f'din il-kawża <u>żewġi ħallas kollox</u> (kif spjegat fil-lista annessa) barra mid-dejn li kelli m'oħti u il-ħlas tal-ispejjeż ta' xogħolijiet tal-piping system li obliga ruħu li jgħamel u għad jrid jgħamel*"[20]. Dan tennietu meta

[14] Art. 992(1) tal-Kap 16
[15] Art. 993 tal-Kap 16
[16] Ara Dok "AMG11", f'paġ. 36 tal-proċess
[17] Ċitazz. Nru. 1677/98RCP (maqtugħa fl-24.1.2001 u saret ġudikat)
[18] Ċitazz. Nru. 2410/98RCP (li marret deżerta)
[19] In-notifika saret skond l-art 187(3) tal-Kap 12 fit-28.4.2006 (ara riferti f'paġ. 45 *tergo* tal-proċess)
[20] Dok "AMG1", f'paġġ. 17 – 8 tal-proċess

xehdet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju[21]. Ħareġ ukoll li, sa ma beda l-ġbir tal-provi, l-imħarrek kien għażel li jgħaddi somma flus lill-avukat tal-attriċi, minflok joqgħod jieħu l-briga li jqabbad nies biex jgħaddu s-sistema tal-*piping* li kien miftiehem fil-kuntratt tal-firda personali. L-istess avukat jistqarr li tabilħaqq hekk ġara;

Illi dan ifisser li l-pretensjonijiet tal-attriċi li l-Qorti għad trid tqis huma (i) dik dwar ir-rifużjoni tas-self li hija ħadet mingħand oħtha; (ii) dik dwar rifużjoni ta' nfiq ieħor li hija tgħid li għamlet biex xtrat ħwejjeġ għat-tifla[22]; (iii) dik tar-rifużjoni tal-ispejjeż taxxati fil-kawża tal-firda personali li kien hemm bejn il-partijiet; u (iv) dik dwar il-ħruġ tal-polza ta' assikurazzjoni;

Illi b'riferenza għal dawn il-pretensjonijiet, il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-siltiet mill-kuntratt tal-firda personali li huma rilevanti. "*5. Ir-raġel għandu jħallas ukoll is-segwenti: ... (ċ) spejjeż relatati mal-ħwejjeġ tal-imsemmija minuri*". "*11. ... (ċ)Id-dejn kollu tal-partijiet ċioe dak garantit u dak mhux garantit b'ipoteki fuq il-proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti, jibqa' r-responsabbilta' esklussiva tar-Raġel, li qiegħed personalment jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-istess, u jintrabat ukoll li jindennizża lill-Mara kontra kull dritt jew pretensjoni ta' terzi derivanti minn tali dejn ipoteka u passivita'. Ir-raġel huwa obbligat iħallas u jagħmel tajjeb għal kwalunkwe dejn kontrattat minnu, iżda ma jkunx obbligat iħallas debiti kkontrattati mill-mara waħedha kontra l-Komunjoni ta' l-Akkwisti jekk tali debiti ma ġiex infurmat bihom ir-Raġel qabel illum. .... (f) Sabiex l-obbligi hawn assunti mir-Raġel jiġu salvagwardjati, ir-Raġel jobbliga ruħu li a benefiċċju ta' l-ulied minuri, huwa jassikura ruħu b'polza kontra avvenimenti avversi, u f'każ li ma sseħħ ebda kontinġenza, meta tagħlaq tali polza kull benefiċċju tagħha imur favur l-istess ulied il-kontendenti*";

Illi fir-rigward tal-pretensjoni tal-ħlas lura tas-somom mislufa mill-attriċi qamet il-kwestjoni jekk dawn kinux tabilħaqq djun li jgħabbu l-komunjoni tal-akkwisti. L-attriċi tgħid li dak is-self kellha tagħmlu minħabba li l-imħarrek

[21] Xhieda tagħha 21.11.2006, f'paġġ. 72 – 3 tal-proċess
[22] Dok "AMG12", f'paġ. 71 tal-proċess

kien qiegħed jonqos li jgħaddilha manteniment biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-infieq li kienet tagħmel fl-interess tagħha u ta' wliedha. Hija tgħid li dan is-self kien isir f'somom fuq medda ta' żmien u kien isir mingħand oħtha;

Illi fejn, bejn persuni miżżewġin, tapplika l-komunjoni tal-akkwisti dwar it-tmexxija tal-ġid materjali tagħhom, il-liġi trid li t-tnejn li huma jkollhom setgħat ta' tmexxija ndaqs u li t-tnejn li huma jridu joqogħdu għal dak li hemm provdut fil-liġi[23]. Għalhekk, il-liġi tgħid li t-tmexxija ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar tmexxija bħal dik tmiss lil kull wieħed mill-miżżewġin[24]. Iżda, dwar għemejjel meqjusa bħala dawk ta' tmexxija straordinarja u l-jedd li wieħed iħarrek jew li jiġi mħarrek dwar tali għemejjel tmiss liż-żewġ miżżewġin flimkien;

Illi huma ta' għamla straordinarja biss dawk l-atti li l-liġi tgħid[25] li għandhom jitqiesu bħala għemejjel ta' xorta straordinarja, u fejn egħmil ma jaqax f'dik il-kategorija għandu jintgħadd bħala egħmil ta' tmexxija ordinarja. Is-self ta' flus minn jew lil persuna li tkun miżżewġa jitqies mil-liġi bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja[26]. Għalhekk, il-liġi trid li egħmil bħal dak imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[27], sakemm dak is-self ma jkunx att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni ta' dik il-parti li tkun isselfet jew silfet[28];

Illi fejn egħmil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għamil xorta waħda jkun jgħodd. Imma jekk l-għamil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għamil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att[29]. Kull egħmil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin

[23] Art. 1319 tal-Kap 16
[24] Art. 1322(1) tal-Kap 16
[25] Art. 1322(3) tal-Kap 16
[26] Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16
[27] Art. 1322(2) tal-Kap 16
[28] Art. 1324 tal-Kap 16
[29] Art. 1326(1) tal-Kap 16

flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[30]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għamil straordinarju, dan irid isir fi żmien limitat[31], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jntbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq ta' l-egħmil[32];

Illi f'dan ir-rigward l-egħmil ta' self huwa wieħed minn dawk li, lanqas jekk il-parti miżżewġa trid tattakkah u tagħmel dan bil-mod u fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, ma jwassal għat-tħassir tal-egħmil, imma biss għar-rimedju sussidjarju tar-reintegrazzjoni jew tal-ħlas tad-danni. Tqum għalhekk il-kwestjoni dwar jekk għamil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqslikieku kien għamil li sar mit-tnejn[33], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu[34]. Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u s-sieħeb jew sieħba tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara li huma dawk id-djun "biss"[35] li jgħabbu 'l-komunjoni;

Illi l-pretensjoni tal-attriċi f'dan ir-rigward tistrieħ fuq prospett maħluf f'Marzu tal-2002[36] li jsemmi waħda b'waħda d-drabi meta oħt l-attriċi silfitha flus jew ħarġitilha ħlasijiet fl-interess u fuq talba tagħha. Il-Qorti tqis li r-raġuni li l-attriċi tagħti biex tiġġustifika s-self magħmul lilha

---

[30] Art. 1326(5) tal-Kap 16.
[31] Art. 1326(2) tal-Kap 16
[32] Art. 1326(3) TAL-Kap 16
[33] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Publius Micallef et***
[34] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar vs Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et vs Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco vs David DeMarco et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **1.6.2007**)
[35] Art. 1327 tal-Kap 16
[36] Dok "AMG3", f'paġġ. 21 – 5 tal-proċess

minn oħtha jaqa' taħt waħda mir-raġunijiet li l-liġi tqis bħala djun li jmorru fuq il-komunjoni tal-akkwisti[37]. Fis-sewwa, wħud mill-partiti tal-prospett maħluf minn oħt l-attriċi jidher li kienu jirrigwardaw ħlasijiet lil avukati (li l-attriċi kienet qabbdet biex imexxulha l-proċeduri li kellha kontra żewġha) jew persuni oħrajn jew għal xi negozji (bħal konvenju) li ma jidhrux li kienu nfiq għall-ħajja ta' kuljum tal-attriċi u wliedha. Oħrajn joħolqu xi dubju dwar x'kien il-bżonn ta' dak is-self[38]. Madankollu, lil hinn minn dan, jista' jingħad li l-biċċa l-kbira minn dan is-self kien magħmul biex jagħmel tajjeb għall-infieq li l-attriċi u wliedha kienu jeħtieġu għall-ħajja;

Illi fid-dawl tal-fatt li l-klawsola tmienja (8)(B)(III) tal-kuntratt tal-firda jitkellem dwar "*debiti ... naxxenti mill-kawża deċiża ... u tas-separazzjoni*", l-Qorti tasal biex tqis li l-kontraenti kellhom f'moħħhom li kull nefqa li kienet daħlet għaliha l-attriċi fl-imsemmija żewġ kawżi kellu jagħmel tajjeb għaliha l-imħarrek. Dan intwera meta huwa ħallas xi ammonti f'dan ir-rigward wara li kien sar il-kuntratt tal-firda personali. Iżda l-aktar fattur li l-Qorti tqis bħala wieħed rilevanti f'dan ir-rigward huwa l-fatt li l-imsemmi prospett maħluf kien tressaq quddiem il-Qorti li quddiemha kienet miexja l-kawża għall-firda personali (jiġifieri qabel ma l-partijiet qablu li jinfirdu konsenswalment bil-kuntratt) bħala prova fih innifsu. Fil-fehma tal-Qorti, is-siwi ta' dak il-prospett jolqot żewġ aspetti ewlenin: fl-ewwel lok, dak il-prospett tqies minn dik il-Qorti bħala prova tajba biżżejjed biex, bis-saħħa tiegħu, hija setgħet tikkalibra r-retta ta' manteniment *pendente lite* dovuta mill-imħarrek[39], minbarra li tqies bħala prova ta' nfieq magħmul mill-attriċi "*biex tlaħħaq mal-ħajja għall-istil ta' ħajja li kienu mdorrijin jgħixu wliedha*"[40]; fit-tieni lok, għaliex dak il-prospett kien magħruf diġa' mill-imħarrek sa minn żmien qabel ma nbdiet il-kawża tal-lum għaliex kien jagħmel parti mill-atti tal-kawża tal-firda personali. Minħabba din it-tieni ċirkostanza, jaqa' l-argument tal-imħarrek li s-self kien sar

---

[37] Art. 1327(ċ) tal-Kap 16
[38] Ara x-xhieda tal-attriċi fil-kontro-eżami 21.11.2006, f'paġġ. 85, 88 u 91 tal-proċess
[39] Dik ir-retta ta' manteniment kienet konfermata mill-kontraenti fil-kuntratt tal-firda personali (Klawsola 4)
[40] Degriet 24.7.2003, f'paġ. 68 tal-proċess

minn wara dahru jew li ma kienx jaf bih qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-firda personali;

Illi l-imħarrek iqajjem l-argument li fil-kuntratt tal-firda personali, l-attriċi naqset li tressaq talba formali dwar il-ħlas tas-self li kellha tagħmel meta kienet taf bl-eżistenza tiegħu. Isemmi wkoll il-mod imqanżaħ li bih l-attriċi wieġbet fil-kontro-eżami dwar din il-pretensjoni tagħha. Jisħaq ukoll li l-pretensjoni tonqos minn element ċar li dak is-self tassew sar għall-għanijiet li ssemmi l-attriċi;

Illi dawn is-sottomissjonijiet m'humiex nieqsa minn ċertu siwi. Imma l-Qorti tħoss li, lil hinn mill-atteġġament u l-imġiba tal-attriċi fix-xhieda tagħha f'din il-kawża, hemm provi u ċirkostanzi biżżejjed fl-atti tal-kawża li ma jsostnux id-difiża tal-imħarrek. B'mod partikolari dwar l-allegazzjoni tiegħu li s-self li għamlet martu l-attriċi sar minn wara dahru u bla ma kien jaf bih, toħroġ iċ-ċirkostanza fejn hu ressaq xhud[41] biex jgħid li sama' lil oħt l-attriċi tgħid lill-imħarrek li hu ma kellu jagħtiha xejn. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li l-attriċi tgħid li, hekk kif sar il-kuntratt, hija ħallset lil oħtha d-dejn li kellha magħha mis-somma li l-imħarrek għaddhielha bħala ekwiparazzjoni[42], u għalhekk dan jikkonferma li l-pretensjoni tal-attriċi hija dwar debitu li l-imħarrek għandu lejha u mhux lejn oħtha. Fit-tieni lok, kif jista' l-imħarrek jibqa' jitwemmen li ma kienx jaf bid-dejn li daħlet għalih martu, meta din il-pretensjoni ssemmiet minnha fil-proċeduri tal-kawża tal-firda personali quddiem il-Qorti biex biha talbet li dik il-Qorti tiffissa r-retta ta' manteniment *pendente lite*. Fit-tielet lok, l-imħarrek isemmi[43] li oħt l-attriċi, Edwina Muscat Drago, ħarġitlu riċevuta fil-11 ta' Mejju, 2005 (jiġifieri, fil-mori tal-kawża) li biha iddikjarat li rċeviet il-ħlas mingħandu. Il-Qorti tirrileva li, minbarra li l-imsemmija riċevuta ma tidher imkien fl-atti tal-kawża, dan ma jfisser xejn anqas minn ammissjoni min-naħa tal-imħarrek li hu kien tabilħaqq responsabbli li jħallas dak is-self;

[41] Xhieda ta' Carmel Camilleri 18.6.2007, f'paġ. 110 tal-proċess
[42] Ara r-riċevuta tal-11.8.2004, Dok "AMG7", f'paġ. 32 tal-proċess
[43] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 143 tal-proċess

Illi wara li fliet sewwa l-prospett u għamlet l-aġġustamenti meħtieġa, l-Qorti ssib li l-ammont ta' self li l-attriċi daħlet għalih fuq il-medda ta' żmien relattiv u li tiegħu l-imħarrek għandu jagħmel tajjeb jitla' għal ħmistax-il elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€ 15,048.92);

Illi fir-rigward tal-pretensjoni dwar ir-rifużjoni tax-xiri tal-ħwejjeġ, il-kliem tal-kuntratt tal-firda huwa ċar biżżejjed u ma jitlob l-ebda interpretazzjoni. Ladarba l-kliem ta' kuntratt ikunu ċari, iridu jitfissru u jitħaddmu bla tiġbid[44]. Huwa ċar li r-rabta tar-raġel ma kinitx limitata biss għan-nefqiet li saru qabel il-kuntratt, iżda għal kull nefqa oħra bħalha sakemm l-ulied ma jkunux saru tal-eta'. Ix-xirja li l-attriċi għamlet ftit jiem qabel fetħet il-kawża kienet għal waħda miż-żewġ ulied u sa dak inhar iż-żewġ ulied kienu għadhom taħt l-eta'. L-imħarrek huwa marbut li jagħmel tajjeb għal din in-nefqa, għalkemm kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, ser ikun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż minħabba l-mod kif din il-pretensjoni tressqet għall-ewwel darba fil-mori tal-kawża;

Illi l-imħarrek jgħid li din il-pretensjoni m'hijiex mistħoqqa għaliex l-attriċi ma ssemmiha mkien fiċ-Ċitazzjoni. Din is-sottomissjoni m'hijiex tajba. Dawk in-nefqiet kienu jaqgħu taħt l-obbligi li huwa aċċetta li jżomm taħt il-kuntratt u ma jistax jaħrab minnhom taħt ir-raġuni li, sakemm it-tfal damu jgħixu miegħu, huwa nefaq somom kbar biex temagħhom, libbishom u edukahom;

Illi l-Qorti qiegħda tillikwida din il-pretensjoni attriċi fis-somma ta' mija u ħamsa u tletin euro (€ 135);

Illi fir-rigward tal-pretensjoni dwar il-ħlas tal-ispejjeż taxxati tal-kawża tal-firda personali, din hija mistħoqqa. F'xi waqt ingħatat xiehda mill-attriċi li din il-pretensjoni hija saldata[45], iżda dan jidher li kien jirreferi għall-ħlas tad-dritt professjonali tal-avukat tagħha fl-istess proċeduri. Meta sar il-kontro-eżami tal-imħarrek[46] din id-distinzjoni ħarġet ċara tant li, saħansitra, l-avukat difensur tal-imħarrek

[44] Art. 1002 tal-Kap 16
[45] Xhieda tagħha f'paġ. 73 tal-proċess
[46] Xhieda tiegħu 26.2.2008, f'paġ. 127 tal-proċess

ġustament indaħal biex jistaqsi kif seta' jħallas l-ispejjeż taxxati jekk sa dak inhar it-taxxa ma kenitx inħarġet. Lili hinn minn hekk, iżda, d-dejn dwar din il-kawża u l-oħra (li l-imħarrek ħallas diġa') kien debitu li tqiegħed fis-sehem li mess lill-imħarrek meta saret il-qasma tal-attiv u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti. Dik ir-rabta wkoll ma tħalli l-ebda dubju li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għalihom u li t-taxxa ġudizzjarja hija kreditu favur martu l-attriċi;

Illi d-diffikulta' li qamet hi li dik it-taxxa ġudizzjarja ma setgħetx tinħareġ għaliex il-proċess tal-kawża għosfor. Il-Qorti għalhekk ma tistax tillikwida l-pretensjoni tal-attriċi taħt din ir-ras, u sa ċertu punt l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha f'dan ir-rigward. F'kull każ, ladarba r-rabta toħroġ mill-kuntratt innifsu, lanqas kien hemm ħtieġa li titressaq talba formali dwarha f'din il-kawża, għaliex dik il-pretensjoni setgħet dejjem tkun esegwibbli bis-saħħa tat-titolu li l-kuntratt jagħti lill-attriċi. Madankollu, l-Qorti sejra tħalli impreġudikat il-jedd tal-attriċi li tiġbor dak li hu dovut lilha meta u jekk it-taxxa ġudizzjarja dwar dik il-kawża tkun tista' tinħareġ;

Illi <u>fir-rigward tal-ħruġ tal-polza ta' assikurazzjoni</u> jibda biex jingħad li l-imħarrek jgħid li din inħarġet u saħansitra jsemmi liema kienet il-kumpannija assikuratriċi li aċċettat li tassikurah. Min-naħa tagħha, l-attriċi tgħid li ma tafx jekk il-polza tabilħaqq inħarġitx jew le[47] u li ma kenitx fil-qagħda li tipprova fatt negattiv;

Illi kienet tkun ħaġa ħafifa ħafna għall-imħarrek li kieku, matul is-smigħ ta' din il-kawża, ressaq imqar kopja ta' riċevuta tal-ħlas ta' xi *premium* tal-polza li huwa jgħid li ħareġ b'ħarsien tar-rabta tiegħu magħmula fil-kuntratt tal-firda personali. Kien ikun aħjar li kieku ressaq kopja tal-polza nnifisha. Dan m'għamlux, minkejja li allega li l-polza ħariġha. Iżda hu ħalef li dan għamlu u l-attriċi ma ikkontestatx dan il-fatt. Il-Qorti qiegħda tqis li l-imħarrek wettaq din ir-rabta tiegħu. F'kull każ, din ir-rabta tal-imħarrek saret għall-benefiċċju ta' u favur iż-żewġ uliedu, u billi fil-waqt li qiegħda tingħata s-sentenza t-tnejn li

[47] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, f'paġ. 134 tal-proċess

huma laħqu l-eta' legali, din hija kwestjoni li, jekk ikun il-każ, tispetta lilhom li jirregolaw irwieħhom dwarha jekk iħossu li għandhom interess li jagħmlu dan;

Illi bħala parti mid-difiża tiegħu li ma għad fadallu l-ebda dejn dovut lejn l-attriċi, l-imħarrek qanqal kwestjoni dwar kemm fil-fatt ħallas lill-attriċi dak inhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-firda personali. Il-kuntratt kien jistipula li, minħabba l-mod kif inqasam il-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti, s-sehem li mess lill-attriċi kien anqas mill-valur tas-sehem li mess lill-imħarrek. Minħabba f'hekk, kellha ssir ekwiparazzjoni favur l-attriċi biex tagħmel tajjeb għall-imsemmija differenza[48]. Il-kuntratt jsemmi li l-imħarrek għadda lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef Lira Maltija bħala ekwiparazzjoni fuq il-kuntratt. L-imħarrek jgħid li hu għaddhielha ħmistax-il elf Lira Maltija, iżda li l-attriċi, għal raġunijiet tagħha, riedet li tidher biss is-somma li tissemma fil-kuntratt[49]. Hemm xhieda li turi li dan ġara tabilħaqq[50], filwaqt li l-attriċi, waqt il-kontro-eżami, ma dehritx li riedet titkellem dwar dan bla tlaqliq;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dik il-kwestjoni m'hijiex ta' rilevanza għal din il-kawża. Dan jingħad għaliex, fl-istess kuntratt, jingħad espressament li "*11. Fir-rigward tal-likwidazzjoni u diviżjoni hawn fuq stipulati l-partijiet jistipulaw u jiftehmu s-segwenti: (a) Kull parti hija soddisfatta b'dak li mess lilha, inkluża l-ekwiparazzjoni hawn fuq stipulata u mħallsa; (b) Il-Mara taċċetta illi l-kreditu parafernali tagħha naxxenti mill-preċitat kuntratt ante-nuzzjali ġie issa pjenament saldat*". Minn dan kollu l-Qorti tifhem li, kienet kemm kienet is-somma li l-imħarrek għadda lill-attriċi dak inhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-firda personali, dik is-somma kienet maħsuba biex tissalda l-jeddijiet u pretensjonijiet tal-attriċi dwar sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u r-reintegrazzjoni tal-ġid partikolari tagħha msemmi fil-kitba ta' qabel iż-żwieġ. Ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod mar-rabtiet li daħal għalihom ir-raġel fl-istess kuntratt u li huma l-mertu veru tal-kawża li l-Qorti għandha quddiemha llum. Il-pretensjonijiet tal-

---

[48] Klawsola 10 tal-kuntratt, f'paġ. 10 tal-proċess
[49] Xhieda tal-Av. Richard Galea Debono 29.3.2007 f'paġġ. 98 – 103 tal-proċess
[50] Xhieda tan-Nutar Ruben Casingena 20.6.2007, f'paġ. 111 tal-proċess

attriċi fil-kawża tal-lum jitnisslu minn rabtiet oħrajn li r-raġel daħal għalihom f'parti oħra tal-imsemmi kuntratt;

Illi għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-imħarrek li l-ħlas tal-ekwiparazzjoni kien marbut mar-rabtiet li huwa kien daħal għalihom favur l-attriċi lil hinn minn dawk dwar il-likwidazzjoni u l-qasma tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti. Waħedha toħroġ il-mistoqsija: li kieku kien minnu li l-ekwiparazzjoni mħallsa mill-imħarrek kienet tassew maħsuba biex tagħlaq kull dejn ieħor li l-imħarrek kellu lejn martu l-attriċi, x'kien is-siwi li fil-kuntratt tnisslu rabtiet oħrajn? U, jekk tabilħaqq l-imħarrek deherlu li bl-ekwiparazzjoni li huwa ħallas lil martu kien qiegħed itemm kull rabta li huwa kellu dwar id-djun dovuti lilha, għalfejn wara l-14 ta' Diċembru, 2004, issalda l-biċċa l-kbira mill-pretensjonijiet li martu ressqet fl-ittra mibgħuta lilu mill-avukat tagħha? Jekk xejn, dan kollu jwassal lill-Qorti biex tifhem li l-imħarrek innifsu żamm distint l-ħlas tal-ekwiparazzjoni mir-rabtiet l-oħrajn li kienu għadhom pendenti bis-saħħa tal-kuntratt tal-firda personali;

Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex taċċetta d-difiża tal-imħarrek li huwa ħallas kulma kellu jħallas lill-attriċi;

Illi, fl-aħħarnett, għall-finijiet tal-kwestjoni tal-ispejjeż tal-kawża, l-Qorti tħoss li għandha tosserva li wħud mill-kapi li dwarhom l-attriċi tibni l-ewwel talba tagħha ma kinux issemmew minnha qabel ma nfetħet din il-kawża. L-ittra mibgħuta mill-avukat tagħha fl-14 ta' Diċembru, 2004, kienet l-aħħar intima legali dwar il-pretensjonijiet tagħha qabel ma fetħet il-kawża fit-30 ta' Diċembru tal-istess sena u kien ukoll issemma li l-lista indikata f'dik l-ittra kienu l-pendenzi li kien għad fadal bejn il-partijiet. Minbarra dan, il-pretensjoni tal-attriċi dwar in-nefqa tal-ħwejjeġ għat-tifla tnisslet mhux aktar minn sitt (6) ijiem qabel ma l-attriċi fetħet il-kawża (għaliex ix-xirja tal-ħwejjeġ saret lejlet il-Milied tal-2004). L-imħarrek, għalhekk, ma kienx f'qagħda li jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet "ġodda" li ssemmew l-ewwel darba fiċ-Ċitazzjoni, jew saħansitra waqt is-smigħ tal-kawża, iżda li ma kenux issemmew fl-imsemmija ittra legali. Għalhekk

il-Qorti sejra tieħu qies ta’ dan ukoll meta tiġi biex tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjeż tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-imħarrek billi la huma mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa’ l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** billi ssib li l-imħarrek huwa debitur lejn martu l-attriċi bis-saħħa tar-rabtiet li huwa daħal għalihom fil-kuntratt ta’ firda personali pubblikat fis-6 ta’ Awissu, 2004, fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena, u tillikwida l-ammont li għadu dovut mill-imħarrek lill-attriċi skond l-imsemmi kuntratt fis-somma ta’ ħmistax-il elf mija u tlieta u tmenin euro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€ 15,183.92), mingħajr ħsara għal kull somma oħra li tista’ tirriżulta favur l-attriċi jekk u meta jinħarġu t-taxxi ġudizzjarji relativi għaż-żewġ proċedimenti ta’ firda personali li l-partijiet kienu bdew kontra xulxin qabel ma sar il-kuntratt ta’ firda personali msemmi;

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-imsemmija somma ta’ ħmistax-il elf mija u tlieta u tmenin euro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€ 15,183.92) flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b’seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa’ r-raba’ talba attriċi** għaliex din tirriżulta li kienet rabta li l-imħarrek daħal għaliha fl-imsemmi kuntratt;

**Tastjeni milli tqis aktar il-ħames talba attriċi** billi l-imħarrek wettaq dawk ir-rabtiet kuntrattwali; u

**Tordna** li għall-finijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet**.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------